MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 87/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Paul Portelli, ta' 60 sena, bin Saviour u Mary nee' Sammut, imwieled Nadur, nhar it-3 ta' April, 1947, residenti fil-fond numru Australia, Triq ta' Hida, Nadur, detentur tal-karta tal-identita' numru 41347(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi Paul Portelli li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-30 ta' Awwissu, 2007, gewwa l-inhawi maghrufa bhala Tal-Mghajza u ta' Hanaq, limiti ta' Nadur, Ghawdex, ghal habta ta' bejn is-siegha u s-saghtejn ta' filghodu (01:00 - 02:00);

a) minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jghid li ppretenda li kellu u biex ifixkel fil-pussess ta' hwejgu lil Joseph Portelli min-Nadur ghandu ta raba fl-istess inhawi huwa qabad u waqqa' hajt mibni minn Joseph Portelli fir-raba tieghu;
b) ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi volontarjament gharraq il-hwejjeg ta' Joseph Portelli, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin Lira (LM50.00), izda inqas minn mitt Lira (LM100.00);

F'kaz ta' htija l-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra l-piena l-imputat jigi ordnat ma jimmolestax lill-imsemmi Joseph Portelli fil-pussess ta' hwejgu ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-imputazzjonijiet;

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riafferamata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi d-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-imputat u l-parti leza huma ahwa u ttransigew dina l-vertenza. Dana jirrizulta mill-verbal tat-13 ta' Jannar, 2011;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85, 325(1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta, tillibera lill-imputat b'mod inkondizzjonat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------